MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 56/2000/1

Alfio Chircop .

vs

Lino Vella .

Il-Qorti ,

Rat l-avviż li permezz tiegħu l-attur talab lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn din il-Qorti sabiex iħallas lill-atturi s-somma ta' tlett mitt lira maltin (Lm300) rappreżentanti l-ħlas fuq xogħol u servizzi professjonali mwettqa minnu lilek fuq istruzzjonijiet tiegħek stess . Bl-interessi fuq din is-somma mid-data illi sar ix-xogħol sad-data ta' l-effettiv pagament .

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali ta' Lulju, 2000, kontra tiegħek .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt.

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. In linea preliminari, l-konvenut jeċċepixxi l-preskrizzjoni għat-talba ta' l-attur, stante illi l-istess talba hija preskritta taħt l-Artikolu 2148 (d) u taħt l-artikolu 2149 (c) tal-Kodiċi Ċivili ;
2. illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenut jikkontesta t-talba tal-attur fis-sens illi l-konvenut dejjem ħallas lill-attur għas-servizzi tiegħu u ma hux minnu illi hemm xi ammont dovut mill-konvenut lill-attur stante illi l-konvenut m'għandu l-ebda pendenzi mal-attur u ilu ma juzgħa s-servizzi tiegħu għal kważi dawn l-aħħar tlett snin ;

3. illi, mingħajr preġudizzju għall-premess, il-konvenut jeċċepixxi ukoll illi l-ammont ta' tlett mitt lira Maltin, huwa ammont irraġonevoli u esaġerat meta wieħed jikkonsidra l-fatt illi fl-aħħar żminijiet illi l-konvenut uża s-servizzi tal-attur, ix-xogħol kien ikun kollu maħdum u r-records kienu jinżammu minn Christine Xerri, u s-servizz tal-attur kien biss illi jiffirma d-dokumenti bħala accountant jew awditur u f'ċerti każijiet jibgħat l-istess dokumenti lid-dipartiment konċernat ;

4. salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat il-verbal tagħha tas-27 ta' Frar 2004 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Semgħet it-trattazzjoni tal-legali ta' l-attur .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :
Illi permezz ta' din il-kawża l-attur qed jitlob il-ħlas ta' drittijiet professjonali għal xogħol ta' *accounting* illi għamel

fuq inkarigu tal-konvenut . Bl-ewwel eċċezzjoni tiegħu il-konvenut qed jeċċepixxi l-preskrizzjoni, taħt l-artikoli 2148(d) u 2149(c) tal-Kodiċi Ċivili . L-artikolu 2148(d) żgur mhux appikabbli, billi hawnhekk m'għandniex xi impjegat imħallas b'salarju annwali . Imma a tenur ta' l-artikolu 2149(c), l-azzjonijiet ta' persuni li jezerċitaw professjoni jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għal-ispejjeż li jkunu għamlu, bħal ma għandna fil-każ in eżami, huma preskritti bl-egħluq ta' sentejn . Irriżulta ampjament mill-provi prodotti, u dan anke jammettieh l-attur stess, illi l-aħħar xogħol li għamel għall-konvenut kien jirrigwarda l-mili tal-VAT *returns* tat-28 ta' Frar 1998[1] . Anke jekk tiġi aċċettata l-verżjoni ta' l-attur illi għalkemm l-aħħar returns kienu ġew mimlija minn Christine Xerri, li kienet bdiet tagħmel xogħol klerikali lill-konvenut, fuq struzzjonijiet li kien bagħtilha l-attur stess permezz ta' *facsimili* lil missierha,[2] xorta waħda jibqa' l-fatt innegabbli illi din il-korrispondenza saret kollha sa mhux aktar tard mill-15 ta' April 1998, kif jirriżulta mid-data indikata fuq il-kopja tar-*return* esebita bħala Dok. AC 12 . Il-kawża preżenti ġiet intavolata fis-27 ta' Lulju 2000 u għalhekk iżjed minn sentejn wara li kien ntemm l-aħħar inkarigu ta' l-attur . Ma jirriżultax illi fil-frattemp, għajr għal xi ittri bonarji mibgħuta mill-istess attur, [3] saret xi interpellazzjoni ġudizzjarja, biex tinterrompi l-preskrizzjoni, kif titlob il-liġi a tenur ta' l-artikolu 2128 tal-Kap. 16, u għalhekk l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni hija ġustifikata .

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut dwar tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2149(c) tal-Kap. 16 u tiċħad it-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

---

[1] Ara depożizzjoni attur tat-12 ta' Jannar 2001; Dok. A a fol. 10 tal-process ;

[2] ara Dok. AC 11 a fol. 58; Dok. AC 12 a fol. 60; Dok. Ac 16 a fol. 64; Dok Ac 17 a fol 65

[3] Dok. A a fol.10 ; Dok. B a fol. 11 .

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------